MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru. 1417/2010

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Christopher Michael Desmond Chircop**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Michael Desmond Chircop detentur tal-karta tal-identita` numru 165693(M).

Akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, fl-24 ta’ April 2006 jew fil-jiem ta’ qabel, ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(a), (b) u (d), 115(c), 120(1) u 185(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekussjoni qeghda ssib lill-imputat Christopher Michael Desmond Chircop hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u qed tikkundannah sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba’ (4) snin. Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputat interdizzjoni generali perpetwa.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta, u tordna li akkura tar-Registratur tal-Qrati tali interdizzjoni tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern skont l-Artikolu 10(7) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------